MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 116/2005

Socjeta' tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M

vs

L-Avukat Dottor Monica Vella bhala prokuratrici ta' l-imsiefra Josephine Azzopardi

Il-Qorti,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja u fil-pussess tal-fond numru sitta u tmenin (86), Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex;

U peress illi hija proprjetarja tal-fond numru sebgha u tmenin u tmienja u tmenin (87 u 88), Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex;

U peress illi dawn il-fondi kienu originarjament jifformaw fond wiehed illi kien gie diviz bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Franceso Gauci tal-ghoxrin (20) ta’ Marzu elf disa’ mija wiehed u erbghin (1941);

U peress illi fuq dak il-kuntratt, il-konvidenti Don Francesco Debono (illi mbaghad wirtitu s-socjeta’ attrici); u Giovanni Spiteri (awtur titolu tal-konvenuta);

U peress illi bis-sahha ta’ dak il-kuntratt lil Don Francesco Debono parti diviza mill-istabbli li dakinhar kien gie deskritt bhala numri sitta u tmenin, sebgha u tmenin, u tmienja u tmenin (86, 87 u 88), Triq Santa Katerina, Xewkija deskritta kif gej:

“entrata bil-bieb ghat-triek marcat numru sitta u tmenin (86), abient mat-tarag bil-bieb ghal-bitha, porzjoni ta’ bitha maktghewa mill-koxxa ta’ bieb ghal koxxa tal-bieb l-iehor tal-kamra z-zghira; kamra zghira bil-bieb ghal porzjon tal-bitha gia segregata fuq imsemmija; tarag ghal-pjan ta’ fuk; dana jicconsisti fi loggiat, camra b’gallerija moghttija ghat-triq, camra ohra b’zewg twieki, wahda ghat-triek u ohra ghall-glulieli li tagti ghall-entrata mikxufa, loggia gabinett b’garigor ghal bejt ad uzu ta’ ..., camra zghira bil-bieb ghat-terrazzin, u terrazzin, u nofs il-mandretta li fih circa ta’ siegh. Dina d-diviza porzjoni tmiss fil-lvant mat-triek, u ma beni ta’ Giovanni Attard, fit-tramuntana mal-porzjoni segwenti u min-nofsinhar ma beni tal-imsemmi Giovanni Attard u tkun soggetta ghal- hlas ta’ hames xelini u hdax-il sold u nofs (5/11 ½) rata ta’ piz ta’ kuddies fis-sena u ghas-servitu’ ta’ sopraposizzjoni.”

U peress illi lil Giovanni Spiteri messet il-porzjon l-ohra minn dan l-istabbli, deskritta kif gej:

“il-cumplament tal-istess stabili li jiccossisti f’dawn il-cumditajiet jigifieri f’camra laterali ad uzu ta’ entrata bil-bieb ghat-trieq numru sebgha u tmeni (87) u b’bieba ghat-triek ukoll, entrata ohra micxufa bil-bieb ghat-triek marcat numru tmienja u tmenin (88) makjel bil-bieb ghall-entrata mikxufa, kamra interna bil-bieb ghall-makjel u iehor ghal

bitha; camra ohra bil-bieb ghal bitha, bitha, camra zghira bil-bieb ghal loggia, loggia bil-bieb ghal mandretta li fiha in circa ta' sieh bil-bir comuni ma' terzi persuni, dina l-porzjoni tmiss mil-lvant mat-triek u mal-porzjoni l-ohra, fit-tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Felice Cassar u f'nofsinhar mal-porzjoni l-ohra fuk assenjata u ma l-iskak u hija suggetta ghal hlas ta' hames xelini u hdax-il sold u nofs (5/11 ½) rata ta' piz ta' kuddies fis-sena u ghas-servitu' ta' sopraposizzjoni."

U peress illi l-linja divizorja bejn dawn iz-zewg porzjonijiet divizi ta' dan l-istabili baqghet qatt ma giet fizikament dimarkata u delimitata u tezisti kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar fejn tinsab precizament din il-linja;

U peress illi fit-terminu tal-kuntratt ta' divizjoni fuq citat,

'Is-separazzjoni li trid issir fil-bitha ghandha tigi maghhmula a spejjez tal-condividenti, ghar-raguni ta' nofs ghal kull wiehed';

U peress illi ricentement il-konvenuta awtorizzat lil terzi persuni sabiex iwettqu xoghol fil-bitha kollha originarjament formanti parti mill-fond diviz fl-941, inkluz parti spettanti lill-esponenti, u sabiex izzommha milli tkompli b'dawn ix-xoghlijiet, l-esponenti kienet kostretta titlob l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni kontra taghha, Mandat numru 79/2005 fl-ismijiet premessi, liema mandat gie akkordat b'digriet tas-16 ta' Novembru 2005;

U peress illi llum il-konvenuta qeghda tippretendi – u dan irrizulta waqt l-access illi nzamm minn din il-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq riferit fil-15 ta' Novembru 2005 – illi hija saret proprjetarja unika tal-intier tal-bitha u tal-mandretta originarjament formanti parti mill-istabili diviz fl-1941 bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwisitiva ghaliex skond hija dawn ilhom fil-pussess taghha ghal aktar minn sittin sena;

U peress illi din il-pretensjoni hija wahda ghal kollox infondata fid-dritt u fil-fatt ghaliex il-pussess illi l-konvenuta ghandha seta' qatt kellha fuq din il-bitha u mandra ma

jirrivestix fih innifsu il-kwalitajiet rikjesti mil-ligi sabiex iservi ta’ bazi ghall-preskrizzjoni akkwisittiva;
U peress illi l-attrici trid illi tigi stabbilita l-linja medjana bejn il-fondi fit-termini tal-kuntratt ta’ divizjoni fuq riferit, u illi l-porzjoni diviza spettanti lill-esponenti tigi rivendikata favur taghha u l-pussess taghha jigi rilaxxjat lilha;

Talbet lill-konvenuta nomine tghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tistabbilixxi l-linja medjana bejn il-porzjoni tal-bitha, u l-porzjon ta’ mandra assenjata lil Dun Francesco Debono, (illum proprjeta’ tal-attur), u l-porzjonijiet assenjati lil Giovanni Spiteri (illum proprjeta’ tal-konvenuta) bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tal-ghoxrin (20) ta’ Marzu elf disa’ mija wiehed u erbghin (1941) fuq riferit, okkorrendo ad opera ta’ perit nominand;
2. tirrivendika favur l-attrici il-porzjoni ta’ bitha u mandra li gew assenjati lil Dun Francesco Debono bis-sahha ta’ dak il-kuntratt, kif dimarkati fit-termini tal-ewwel talba hawn fuq;
3. tordna illi l-linja medjana bejn iz-zewg fondi tigi stabbiliti b’marki permanenti u indelibbli; liema demarkazzjoni ghandha ssir a spejjez ugwali bejn il-partijiet;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq riferit, kontra tieghek;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunta;

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Mary Jane Xuereb.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine li eccepiet illi:

1. Illi, preliminarjament, teccepixxi l-preskrizzjoni ta’ tletin sena u anke l-preskrizzjoni ta’ erbghin sena, jekk applikabbli, skond l-Artikoli 2143 u

2144 tal-Kodici Civili, stante illi kull dritt illi s-socjeta’ attrici seta’ kellha fil-passat, illum huwa preskritt bil-ligi;

2. Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi jekk kien hemm xi dubju dwar min hu l-proprjetarju tal-bitha u tal-porzjon raba kollha nkluza l-parti in kontestazzjoni, illum dak id-dubju huwa inezistenti stante illi jekk kellha tigi accettata t-tezi tas-socjeta’ attrici, il-konvenuta akkwistat il-proprjeta’ in kontestazzjoni bil-preskrizzjoni akkzittiva u ghaldaqstant is-socjeta’ attrici ma ghandha l-ebda dritt illi llum tivvanta xi dritt fuq il-proprjeta’ in kontestazzjoni, wara tnejn u sittin sena illi l-konvenuta u l-familjari taghha dejjem ezercitaw id-drittijiet taghhom ta’ sidien fuq l-imsemmija proprjeta’ domini;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, matul dawn is-snin kollha mill-gurnata tal-akkwist tal-proprjeta’ mis-socjeta’ attrici, jekk l-istess socjeta’ kienet qed tippretendi illi ghandha xi dritt kwalunkwe fuq il-bitha u fuq il-porzjon raba in kontestazzjoni, l-istess socjeta’ ma kellha l-ebda ostakoli kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt sabiex tavvicina originarjament mill-familjari tal-konvenuta jew lill-konvenuta stess u tivvanta tali dritt. Is-socjeta’ attrici dan m’ghamlitu qatt ghaliex kemm il-membri precedenti kif ukoll dawk prezenti jafu tajjeb illi s-socjeta’ attrici m’ghandha l-ebda dritt u l-porzjon raba illi qed tigi kontestata, aktar u aktar illum wara tnejn u sittin sena illi ilha fil-pussess animo domini tas-sidien, il-familja Spiteri u wara tal-konvenuta stess;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz odjern ma hemmx lok ghal din l-azzjoni stante illi l-linja divizorja ta’ bejn dawn iz-zewg fondi ilha bosta’ snin delineata. Dan jidher ukoll fizikament mill-proprjetajiet infushom. Tant hu hekk illi l-porzjon raba in kontestazzjoni ilha snin twal segregata mill-bitha ta’ warajha permezz ta’ hajt tal-kantun;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, tant illi d-divizjoni ilha snin li saret, illi s-socjeta’ attrici matul dawn is-snin kollha ma ghamlet l-ebda uzu mill-imsemmija bitha u wisq anqas mill-imsemmija porzjon

raba u ghaldaqstant is-socjeta' attrici ma tistax illum tezercita' l-ebda azzjoni ta' proprjeta' fuq l-imsemmija bitha u porzjon raba;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-porzjon raba in kontestazzjoni hija facilment accessibbli minn sqaq fi Triq Santa Katerina, Xewkija, u ghaldaqstant is-socjeta' attrici qatt ma kellha xi ostakolu illi jzommha milli tiehu pussess ta' kwalunkwe parti minn din ir-raba li tippretendi li hi taghha. Dan is-socjeta' attrici ma ghamlitu qatt stante illi qatt ma kellha u m'ghandhiex dritt ghall-ebda parti mill-imsemmija porzjon raba. Is-socjeta' attrici qatt qabel dan l-ahhar ma lmentat jew ivvantat xi dritt ghalkemm minn dakinhar stess tal-akkwist tal-proprjeta' l-familjari tal-konvenuta hadu pussess tal-imsemmija raba kolha kemm hi, hadmuha kollha kemm hi u baqghu jahdmuha kollha kemm hi sal-prezent;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, tant qatt ma kien hemm xi kontestazzjoni dwar it-titlu ta' proprjeta' bhala sid illi l-familjari tal-konvenuta u l-konvenuta dejjem kellhom fuq il-proprjeta' in kontestazzjoni, illi l-istess familjari tal-konvenuta u anke l-konvenuta stess kienu taw il-bitha in kontestazzjoni flimkien mal-fond numru 87 u 88, illum numru 20 u 21, fi Triq Sant Katerina, Xewkija, b'titolu ta' kera lil terzi persuni, liema att ukoll qatt gie kontestat mis-socjeta' attrici. Tali koncessjoni hija dikjarazzjoni cara u inekwivoka tal-animo domini tal-familjari tal-konvenuta u tal-konvenuta;

8. Illi, minghajr pregudizzju tas-suespost, il-premessa maghmula mis-socjeta' attrici fil-paragrafu penultimu tac-citazzjoni odjerna hija kompletament falza u invertiera, u dan kif jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza, stante illi anke jekk it-tezi tas-socjeta' attrici illi l-linja divizorja qatt ma giet fizikament demarkata u delimitata bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet, kellha tigi accettata minn din l-Onorabbli Qorti, l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex iservu ta' bazi ghall-preskrizzjoni akwizittiva favur il-konvenuta huma cari u inekwivoci;

9. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici ma tistax bl-ebda mod u manjiera kappriccozament twaqqaf lill-konvenuta milli taghmel xogholijet fil-fond proprjeta’ taghha inkluz il-bitha u l-porzjon raba in konstestazzjoni;

10. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespsost ma hux minnu illi l-parti mmarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta prezentata mir-rikorrenti hija proprjeta’ tar-rikorrenti jew qatt kienet fil-pussess tar-rikorrenti. Dan kif ammettiet r-rikorrenti stess fix-xhieda taghha fil-kawza illi hemm pendenti bejn il-partijiet Nru. 94/2001;

11. Illi, in kwantu prokuratrici, l-esponenti tirriserva illi teccepixxi ulterjorment u li ticcara u tikkwalifika l-eccezzjonijiet taghha nomine;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta nomine kkonfermata bil-gurament taghha.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 47/01 u 79/05 u dawk tal-kawza numru 94/2001 bejn l-istess partijiet pendenti quddiem din il-Qorti wkoll, u allegati mal-kawza prezenti permezz ta' diversi digrieti taghha.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza ghad-delimitazzjoni tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Billi parti mill-proprjeta' li s-socjeta' attrici tippretendi li hija taghha wkoll tinsab fil-pussess tal-konvenuta nomine, qed tintalab inoltre r-rivendikazzjoni taghha a favur ta' l-istess socjeta' attrici, biex imbaghad tkun tista' ssir din il-qasma.
Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha, ghalkemm ma semmiet xejn f'dan ir-rigward fl-Eccezzjonijiet taghha, l-

konvenuta nomine titfa' dubbju dwar il-validita' tal-kawza billi ma ngiebet ebda prova dwar il-mandat li ghandha ta' Josephine Azzopardi, l-proprjetarja tal-fond adjacenti ghal dak tas-socjeta' attrici. Imma, apparti l-fatt li l-konvenuta nomine fil-kors kollu tas-smiegh ta' din il-kawza ma jidher li sabet ebda diffikolta' biex tiddefendi l-interessi ta' l-imsemmija klijenta taghha imsiefra,  mill-istess Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, u partikolarment fil-paragrafu hdax (11), tammetti b'mod inekwivoku li hija l-prokuratrici taghha.

Irrizulta fil-kaz in ezami illi l-fondi rispettivi tal-kontendenti fix-Xewkija, originarjament kienu fond uniku, li wara li gie akkwistat ghal nofs indiviz kull wiehed minn Dun Frangisk Debono u Giovanni Spiteri b'zewg kuntratti separati, gie maqsum bejniethom hekk kif stipulat f'kuntratt ta' l-20 ta' Marzu 1941.[1] Madankollu qasma fizika saret biss ghal dak li jirrigwarda d-dar u mhux ukoll ghall-bitha u l-mandra annessa.[2] Sussegwentement il-parti ta' Dun Frangisk ghaddiet ghand is-socjeta' attrici b'wirt,[3] u l-parti l-ohra giet f'idejn Josephine Azzopardi b'dota minghand missierha, Giovanni Spiteri.[4] Sadanittant, pero' il-parti ta' Spiteri ghamlet zmien twil mikrija lil certu Djonisju Tabone li kien jghix hemmhekk bil-familja tieghu, u giet ivvakata biss wara li mietu hu u l-mara tieghu, xi ftit qabel ma giet istitwita l-kawza ta' spoll relatata mal-kawza prezenti.[5] Fil-kaxxa tat-tarag tal-fond illum tas-socjeta' attrici, kien hemm bieb li jaghti ghall-bitha. Dan il-bieb kien jinfetah ghal gewwa u kellu t-twieqi tal-hgieg u l-kontraporti. Kemm dam il-fond adjacenti mikri ghand Nisju Tabone, dan il-bieb ma kienx jinfetah, ghax, kif qalet Mary Jane Xuereb, is-superjura tal-M.U.S.E.U.M., Tabone kien izomm il-klieb f'din il-bitha, u billi huma kien ikollhom it-tfal ghad-duttrina, kienu jibzghu li dawn jistghu jaghmlu ghalihom. Kienu biss jifthu t-twieqi ta' dan il-bieb ghad-

[1] Ara kopja ta' l-att relattiv in atti Nutar Francesco Gauci ta' l-20.03.1941 a fol. 24 -26 tal-process u traskrizzjoni dattilografata  tieghu esebita bhala Dok.C a fol.21 -23 tal-kawza nru.94/2001
[2] ara pjanta Dok.D a fol.27 tal-kawza nru.94/2001
[3] ara kopja tat-testment ta' Dun Frangisk Debono atti Nutar Francesco Refalo tad-19 ta' Ottubru 1951, a fol. 14 -17 tal-kawza nru.94/2001
[4] kopja ta' dan l-att baqa' qatt ma gie esebit
[5] ara Citaz. Nru.94/2001 fl-istess ismijiet quddiem din il-Qorti wkoll

dawl. Ghalhekk il-bitha baqghet effettivament f'idejn dawn l-inkwilini sakemm damu hemm. Wara pero' li mietu ta' Tabone, u l-post li dawn kienu jokkupaw gie vvakat, il-bieb beda jinfetah ghall-arja wkoll, kif baqa' jsir sakemm flimkien ma' l-allura avukat tas-socjeta' attrici, ghaddew minnu sabiex jaraw kif setghet issir il-kumplament tal-qasma, wara li Josephine Azzopardi rritornat mis-safar u wriet l-intenzjoni li taghmel xi modifiki fil-fond taghha. Il-mandra annessa mal-fond originali, wara l-qasma tal-1941 ghamlet ftit taz-zmien f'idejn Djonisju Tabone, u wara li l-bieb li mill-bitha kien jaghti ghall-mandra gie mbarrat bil-gebel minn Giovanni Spiteri, inhadmet minn uliedu u minn familjari tar-ragel ta' Josephine Azzopardi. Ix-xhud Francis Attard, kugin tas-superjura Mary Jane Xuereb, jghid li missieru wkoll ghamel xi zmien jahdimha. Din il-mandra kellha u ghad ghandha access dirett minn sqaq li jinfed ghal Triq Santa Katerina.[6]

Il-konvenuta nomine qed topponi ghall-qasma tal-bitha u mandra msemmija fic-citazzjoni u mitluba mis-socjeta' attrici ghax tippretendi li dawn saru taghha sew bil-preskrizzjoni estintiva, billi s-socjeta' attrici naqset milli tagixxi fiz-zmien koncess mil-ligi, kif ukoll bil-preskrizzjoni akkwizittiva ghax kienu fil-pussess taghha ghal izjed minn tletin sena. Naturalment sabiex tkun tista' tintlaqa' t-talba ghas-segregazzjoni tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti, irid qabel xejn jigi stabilit b'mod definittiv f'hiex jikkonsistu dawn il-beni, sa fejn gia gew maqsuma, u jekk fadalx xi partijiet minnhom li ghad irid jinqasmu, skond ma tippretendi s-socjeta' attrici. A tenur ta' l-att ta' divizjoni hawn fuq imsemmi tas-sena 1941,[7] lil **Dun Frangisk Debono** gie assenjat il-porzjon konsistenti f': "*entrata bil-bieb ghat-triek marcat numru sitta u tmenin (Nru.86) - ambjent tat-tarag bil-bieb ghal-bitha - porzioni ta' bitha maktghewa mil-koxxa ta' bieb ghal-koxxa tal-bieb l-iehor tal-camra iz-zghira - camra zghira bil-bieb ghal-porzioni tal-bitha gia segregata fuk imsemmia - tarag ghal-pjan ta' fuk - Dana jicconsisti fi loggiat - camra b'gallerija*

[6] ara pjanta esebita a fol. 27 tal-kawza nru.94/2001
[7] Dok.D a fol. 24 -26 tal-kawza; 94/2001

*moghttija ghat-trik - camra ohra b'gewg twieki, wahda ghat-triek u ohra ghal-ghelieki li taghti ghal-entrata mikxufa - loggia - gabinett b'garigor ghal-bejt ad usu ta' cessi - camra zghira bil-bieb ghat-terrazzin - u terrazzin - u nofs il mandretta , li fieh in circa ta' sieh - dina d-diviza porzjoni tmiss fil-lvant mat-triek u ma beni ta' Giovanni Attard, fit-tramuntana mal-porzjoni segwenti u min-nofsinhar ma beni ta' l-imsemmi Giovanni Attard - u tkun soggetta ghal hlas ta' hames xelini, u hdax il sold u nofs (5/11 1/2) rata ta piz ta kuddies fis-sena u ghas-servitu ta' soprapposizzioni."* [8]

Bl-istess kuntratt ta' qasma lil **Giovanni Spiteri** gie assenjat il-porzon l-iehor konsistenti f' : "*kamra laterali ad usu ta entrata bil bieb ghat-triek numru seba u tmenin (Nru 87) u b'tieka ghat-triek ukoll - entrata ohra mikxufa bil-bieb ghat-triek marcat numru tmienja u tmenin (Nru 88) - makjel bil bieb ghall'entrata mikxufa -camra interna bil bieb ghal makjel u iehor ghal bitha - camra ohra bil-bieb ghal bitha - bitha - camra zghira bil bieb ghal loggia - loggia bil-bieb ghal mandretta li fiha in circa ta' sieh bil bir in comuni ma terzi persuni - Dina il porzioni tmiss mil-lvant mat-triek u mal porzioni l'ohra, fit-tramuntana ma beni tal-eredi ta Felica Cassar u f'nofsinhar mal porzioni l'ohra fuk assenjata u ma l'iskak - hija soggetta ghal hlas ta hames xelini , hdax il-sold u nofs (5/11 1/2) fis-sena rata ta piz ta kuddies u ghas-servitu' passiva ta sottoposizzjoni ghal porzioni precedenti.*" [9]

Gie miftiehem ukoll illi: " *It-tliet twieki li jinsabu fil porzioni assenjata lir-Reverendu Sacerdot Debono u jatu direttamnet ghal fuk il porzioni ta Giovanni Spiteri ghandhom jigu mghalukin a spejjez esclussivi tas-Sacerdot Debono, ad eccezzioni pero' tat-tieka li tinsab fit-tarag, li trid tinfetah band'ohra a spejjes comuni taz-zewg condividenti. Is-segregazioni li trid issir fil-bitha ghandha tigi mghamula a spejjez comuni tal-condividenti bir-raguni ta nofs kull wiehed*." [10]

---

[8] ibid. a fol. 24 -25 u pjanta a fol. 27
[9] ibid. a fol. 25
[10] ibid. a fol. 25 -26

Sakemm giet biex tigi istitwita l-kawza prezenti, jidher li din is-segregazzjoni kienet saret fir-rigward tal-bini, hlief ghat-tieqa tat-tarag. Madankollu d-delimitazzjoni fizika tal-bitha u l-mandra baqghu qatt ma saru, ghalkemm hu evidenti li b'din id-divizjoni Dun Frangisk Debono messu sew parti mill-bitha, kif ukoll siegh mill-mandra retrostanti. Madankollu l-konvenuta nomine qed topponi li d-delimitazzjoni taghhom issir issa, wara dawn is-snin kollha billi, kif gia nghad, tippretendi li dawn saru taghha bid-dekors taz-zmien.

Il-konvenuta nomine teccepixxi fl-ewwel lok l-estinsjoni ta' din l-azzjoni a tenur ta' l-artikoli 2143 u 2144 tal-Kodici Civili, u dan peress li minn meta saret din id-divizjoni bil-kuntratt tas-sena 1941 sa meta giet isitwita din il-kawza fl-2005 ghadda ferm izjed miz-zmien koncess mill-ligi (tletin sena fil-kaz ta' l-artikolu 2143 u erbghin sena fil-kaz ta' l-artikolu l-iehor li jitratta immobbli ta' knejjes jew istitituzzjonijet piji, bhal ma ghandha fil-kaz in ezami fir-rigward tas-socjeta' attrici) biex tkun tista' tintalab din il-qasma. Imma kif intqal mill-qrati taghna: "*Huwa pacifiku illi l-proprjeta' ma tintilifx bin-nuqqas ta' uzu da parti tas-sid. Tintilef, invece, jekk haddiehor jiehu pussess taghha u jezercita fuqha jedd ta' poter ghaz-zmien kollu mil-ligi stabilit u skond il-kundizzjonijiet l-ohra preskritti mil-artikolu 2107 tal-Kodici Civili. Jispetta ghalhekk lil dan haddiehor l-oneru li jipprova r-rekwiziti kollha tax-xorta ta' akkwist vantat minnu… Skond l-insenjament tal-Laurent (Principii di Diritto Civile vol. XXXII para 367 et seq.) l-azzjoni tal-proprjetarju biex jiehu dak li huwa tieghu ma tistax tigi opposta b'semplici preskrizzjoni estintiva, imma b'dik akkwizittiva, koinvolgenti l-pussess tal-eccipjenti.*"[11]

Dan ifisser illi: "*Il-jedd tal-proprjeta' u l-azzjoni rivendikatorja tal-proprjeta' huma haga wahda u ghalhekk, ghalkemm min ikun ha taht idejh ghaz-zmien mehtieg l-immobbli ta' haddiehor jakkwista dak l-immobbli bis-sahha ta' uzukapjoni, sid l-immobbli qatt ma jitlef il-jedd ghall-*

[11] Prim'Awla; Salvino Testaferrata Moroni Viani v. Francis Montanaro: 27.06.2003; ara wkoll Prim'Awla: Carolina Davison et v Marianna Debono et. 7.11.1935 vol. XXIX.ii.736

*azzjoni rivendikatorja, ikun ghadda zmien kemm ghadda*."[12]

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jigi li s-socjeta' attrici ma tilfitx il-jedd li taghmel din il-kawza ghad-delimitazzjoni tal-konfini u ghar-rivendika ta' dak li tippretendi li hu sehemha mill-bitha u mandra in kwistjoni, minkejja li kienu lahqu ghaddew izjed minn sittin sena minn meta sar l-att ta' divizjoni msemmi. Titlef biss il-jedd ghall-istess proprjeta' u konsegwentement ghad-delimitazzjoni taghha, kemm il-darba l-konvenuta nomine jirnexxilha tipprova li tassew akkwistatha hi bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva.

Kif intqal mill-Qorti ta'' l-Appell fil-kawza: "Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg et"(17.11.1958 vol.XLII.Pt.I.p.569):

"*Jekk l-oggett tal-kawza hu bicca art li qeghdha fil-pussess tal-konvenut, u li l-attur jippretendi li hi tieghu u jrid jehodha minn idejn il-konvenut, l-azzjoni ezercitata mill-attur hi dik rivendikatorja.*

*F'din l-azzjoni l-attur irid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika. Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li dik il-haga mhix tal-konvenut; imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu nnifsu, ghax* ***'melior conditio possidentis'****. U gie dejjem ritenut mill-Qrati taghna fuq l-istregwa ta' principji ammessi universalment mid-dottrina u mill-gurisprudenza, bazati fuq ligijiet bhal taghna, illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li kwalunkwe dubju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. U anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah, jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju."*

[12] Prim'Awla: Apap Bologna Sceberras d'Amico Inguanez Carmel v Sammut Emanuel: 28.03.2003; ara wkoll Prim'Awla: Perit Carmelo Falzon v Alfred Curmi:5.10.1995; u Appell: Nancy Mangion et v Albert Bezzina Wettinger: 5.10.2001

M'hemmx dubbju, u ma jidhirx li qatt gie kontestat il-fatt li bid-divizjoni tas-sena 1941, lil Dun Frangisk Debono, flimkien ma' porzjon specifikat mid-dar fi Triq Santa Katerina, x-Xewkija, messitu wkoll parti mill-bitha u siegh mill-mandra retrostanti. Dan jirrizulta inekwivokament mill-bran rilevanti minn dan il-kuntratt citat wkoll hawn fuq. Il-prova tad-dominju tas-socjeta' attrici, bhala legatarja ta' Dun Frangisk Debono, fuq il-beni in kwistjoni ndubbjament saret. Li jrid jigi ghalhekk deciz minn din il-Qorti huwa jekk dan id-dominju originali tas-sid intilifx a favur Josephine Azzopardi, bhala successura fit-titolu ta' Giovanni Spiteri fuq il-porzjon l-iehor in divizjoni,  bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva, kif qed teccepixxi l-konvenuta nomine f'isimha.

*Din il-preskrizzjoni hija regolata bl-artikolu 2107(1) tal-Kap.16 li jistipula illi:*

**“Il-preskrizzjoni hija mod ta’ akkwist ta’ jedd b’pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi.”**

*Ghall-kuntrarju tal-preskrizzjoni estintiva li tirrikjedi biss l-inazzjoni tal-kreditur ghall-perijodu stipulat mill-ligi (art.2143 Kap.16), din il-preskrizzjoni tirrikjedi dejjem il-pussess da parti ta’ min ikun qed iqajjem l-eccezzjoni. Kif intqal mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza: “***Maria Felicia Cremona vs Carmelina Carabott et.***” (23.1.1998 vol.LXXXII.pt.2. p.23):*

*“*Skond l-insenjament tal-Laurant, malgrado l-lokuzzjoni monka ta’ l-artikolu 2262 tal-Kodici Franciz, simili ghall-Malti (l-artikolu 2143 tal-Kap.16), dik id-disposizzjoni ghandha tinftihem bhala komprendenti tant il-preskrizzjoni akkwizittiva kemm l-estintiva; li meta l-preskrizzjoni trigenarja tkun akkwizittiva allura hemm bzonn dejjem il-pussess, sija pure skompanjat minn titolu u minn buona fede; li dik il-preskrizzjoni  hi akkwizittiva fil-kaz ta’ azzjonijiet reali, fis-sens dawna l-azzjonijiet minnu spjegat u li l-azzjoni tal-proprjetarju biex jiehu lura dak li hu tieghu, ma tistax tigi opposta b’semplici preskrizzjoni estintiva,

imma b'dik akkwizittiva, koinvolgenti l-pussess ta' l-eccepienti, kif jghallem anke l-Baudry*".*

*Infatti l-**Laurant** (Principii di Diritto Civile vol.32 #367)jghid f'dan ir-rigward illi:*

**"….Rispetto alle azioni reali, bisogna distinguere. Vi hanno diritti reali che si estinguono col non uso: tali sono le servitu' che vengono meno quando non siano esercitate per trent'anno. Ugualmente accade dell'usufrutto e dell'ipoteca. La proprieta' non si estingue col solo non uso durato trent'anni; occorre altresi che l'immobile sia posseduto da un terzo."**

*L-istess il-**Baudry** (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile #592):*

**"Non tutti i diritti reali possono estinguersi con la sola inazione del titolare….il diritto di proprieta' non puo' perdersi col non uso; la sola prescrizione acquisita da un'altra persona puo' indurre la perdita' della proprieta'***.*

L-ewwel haga li trid tigi ghalhekk determinata minn din il-Qorti, hija jekk il-konvenuta nomine kellhiex il-**pussess** kif mifhum mill-ligi biex hija tkun tista' takkwista bis-sahha tal-preskrizzjoni. L-artikolu 524 (1) tal-Kap.16 jispjega illi:

**"Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta', u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu."**

Mhux kontestat illi fil-kaz in ezami l-konvenuta nomine ghandha f'idejha l-bitha u mandra in kwistjoni. Imma l-kontendenti ma jaqblux dwar il-kwalita' ta' din id-detenzjoni. Filwaqt illi s-socjeta' attrici issostni illi din hija b'mera tolleranza tas-sid, l-konvenuta nomine tikkontendi illi anke sa minn qabel ma missierha ghaddielha b'dota l-porzjon li messu b'dik id-divizjoni, kien gia jitqies li l-bitha u l-mandra kienu fl-intier taghhom jaghmlu parti minn dan il-porzjoni u ghalhekk biz-zmien saru taghha. It-tip ta'

detenzjoni li ghandha l-konvenuta nomine taghmel differenza sostanzjoni ghad-determinazzjoni ta’ dan il-kaz, ghaliex il-ligi tispecifika illi:

**“Dawk li jzommu l-haga f’isem haddiehor jew il-werrita taghhom ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom: bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom."** *(art.2118 Kap.16) .*

Is-socjeta' attrici tikkontendi li Giovanni Spiteri, permezz ta' l-inkwilin tieghu Djonisju Tabone, u warajh l-istess Josephine Azzopardi, permezz ta' hutha jew il-familjari ta' zewgha, thallew jaghmlu uzu mill-bitha jew mill-mandra in kwistjoni b'semplici tollerenza tas-sid, Dun Frangisk Debono, u warajh is-socjeta' attrici. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh il-fatt illi d-dar imhollija minn Dun Frangisk lis-socjeta' tal-M.U.S.E.U.M. kienet gia ilha xi zmien f'idejha qabel wirtitha minghandu, u la hi u wisq anqas Dun Frangisk ma seta' kellhom xi interess li jahdmu l-parti taghhom mill-mandra annessa ma' din id-dar. Ghalhekk ma setghu sabu ebda oggezzjoni li din tinhadem minn min matul is-snin kellu f'idejh il-kumplament tal-mandra. Inghatat ukoll raguni ghaliex qatt ma ghamlu uzu mill-bitha, sakemm gie vvakat il-fond adjacenti. Djonisju Tabone dejjem kien izomm il-klieb f'din il-bitha, u kien proprju biex jevitaw il-perikolu lit-tfal li kien ikollhom ghad-duttrina li d-dirigenti tas-socjeta' religjuza qatt ma ppermettew li jinfetah il-bieb li mill-fond taghhom jaghti ghal din il-bitha, ghalkemm kienu jhallu t-twieqi ta' l-istess bieb miftuhin ghad-dawl.

L-artikolu 526 tal-Kodici Civili jistupula li: *"**Dawk l-atti li huma biss fakultattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta' bazi ghall-ksib tal-pussess**."* Gie nfisser a propositu mill-qrati taghna illi: *"Certament l-atti ta' semplici tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess legittimu. Dawn l-atti ta' tolleranza huma nettament distinti mill-atti fakoltattivi u mill-prekarjeta'. Fil-prekarjeta' tonqos il-volonta' posessorja; fl-atti fakoltattivi tonqos il-materja tal-*

*pussess; fl-atti ta' tolleranza, invece, hemm tant in-natura tal-pussess kemm ukoll il-volonta' possessorja, imma tonqos il-volonta' ta' ezercizzju ta' dritt, jonqos l-animus domini f'sens specifiku, ghaliex min jaghmlu jkollu l-konoxxenza li qieghed jagixxi bil-permess ta' min jista' jimpedilu dak l-att, u ma jimmirax ghall-akkwist tal-proprjeta' tal-haga ta' haddiehor, u jkun dejjem lest biex ma jibqghax jaghmel minn din il-haga l-uzu li jkun qieghed jaghmel, ghas-semplici rikjesta tal-proprjetarju."* [13]

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami naraw li kollox jindika ghalhekk illi, ghalkemm il-konvenuta nomine kellha f'idejha l-bitha u mandra in kwistjoni, ma kellhiex f'idejha l-pussess taghhom fis-sens li trid il-ligi, imma s-semplici detenzjoni f'isem haddiehor. Tant hu hekk illi hekk kif il-fond tal-konvenuta nomine ma baqax okkupat mill-inkwilini, il-membri tas-socjeta' attrici hargu liberament fil-bitha in kwistjoni u malli rritornat Josephine Azzopardi mis-safar u din uriet l-intenzjoni li tizviluppa l-fond taghha, iltaqghu maghha fuq il-post proprju biex jaraw jiftehmux kif kellha ssir is-segregazzjoni fizika li kien baqa' tal-fondi rispettivi. Madankollu anke kieku wiehed kellu ghall-grazzja ta' l-argument jammetti illi l-konvenuta nomine tassew kellha l-pussess ta' dawn il-beni, sabiex tirnexxi fl-eccezzjoni taghha, hija trid tissupera diversi ostakoli ohra. Kif rajna aktar 'l fuq, l-artikolu 2107(1) tal-Kap.16 jesigi li jkunu jezistu diversi elementi li jikkwalifikaw it-tip ta' pussess li jrid ikollu min ikun qed iressaq din il-preskrizzjoni akkwizittiva:

(i) **pussess kontinwu**: jghid f'dan ir-rigward il-**Laurant**: *"Il possesso dev'essere continuo,nel senso che il possessore deve compiere gli atti normali di godimento che un proprietario, buon padre di famiglia, fa allo scopo di trarre dal fondo tutto l'utile che esso puo' procurargli….. Occorre dunque che, per tutto il tempo necessario alla prescrizione, il possesore abbia fatto atti di possesso che richiamano l'attenzione del proprietario e lo costituiscano in mora d'interrompere la prescrizione che corre contro di lui" ( op.cit. # 275).*

---

[13] Appell: Carmelo Farrugia v Emmnauel Friggieri: 4.05.1956; vol.XL.i.534

Huwa minnu illi il-bitha ghamlet zmien twil okkupata minn Djonisju Tabone u l-familja tieghu. Imma dawn kienu biss inkwilini tal-fond ta' Giovanni Spiteri. Bhala semplici detentur Tabone qatt ma seta' jippreskrivi favur tieghu innifsu, u ma ngiebet ebda prova li l-kirja kienet specifikament tinkludi wkoll il-parti tal-bitha li kienet giet assenjata lil Dun Frangisk. Kollox jindika anzi li Tabone qabed u okkupa anke l-parti tal-bitha assenjata lil Dun Frangisk semplicement ghax ma kienx hemm segregazzjoni fizika taghha, u l-Qassis u warajh s-socjeta' attrici ma oggezzjonawx ghal dan il-fatt. Fir-rigward tal-mandra mbaghad, ingiebet il-prova li anke nies mibghuta mis-socjeta' attrici ghamlu xi ftit taz-zmien jahdmuha, meta ma kienx imur xi hadd mibghut minn Josephine Azzopardi jew missierha.

(ii) **mhux miksur**: *“Il possesso e’ interrotto allorche la prescrizione venne interrotta, sia naturalmente, sia civilmente. L’interruzione produce l’effetto di rompere il possesso: quello decorso fino all’interruzione si reputa come non avvenuto e solo potra’ invocarsi il possesso futuro” ( op.cit. # 278).*

Kif rajna, ghalkemm il-membri tas-socjeta' attrici ma kinux johorgu fil-bitha, il-bieb li mill-fond taghhom kien jaghti ghaliha u li kien jinfetah min-naha taghhom biss, qatt ma gie mbarrat sakemm ma nqalghax fl-incident mertu tal-kawza ta' spoll konnessa mal-kawza prezenti,[14] u ma kien hemm xejn x'izommhom milli jaccedu ghall-istess bitha, hlief il-prezenza tal-klieb ta' l-inkwilini. Infatti anke l-istess inkwilin gieli talab lill-membri tas-socjeta' attrici biex idahhal xi affarijiet gol-fond mikri lilu mill-istess bieb tal-bitha. Fir-rigward tal-mandra, billi ma kien hemm xejn x'izommhom milli jahdmuha, gieli huma wkoll batghtu lil xi hadd.

(iii) **pussess pacifiku**: *“ La parola pacifico indica un godimento imperturbato. Puo’ esservi turbativa di diritto e turbativa di fatto. La turbativa di diritto suppone un’azione*

[14] Citaz. Nru.94/2001 fl-istess ismijiet

*giudizziaria… la turbativa di fatto .. si manifesta con atti differenti. Chi si pretende proprietario… tenta di espellere il possesore" (op.cit.#281).*

Fil-kaz in ezami dan ma sehhx, proprju ghaliex sakemm inqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti fl-2001, is-socjeta' attrici qatt ma mmaginat illi l-konvenuta kienet qed tippretendi li biz-zmien saret is-sid unika tal-bitha u mandra in kwistjoni;

(iv) **pussess pubbliku:** *"….il possesso e' pubblico tutte le volte che i terzi interessati avrebbero potuto conoscerlo, quantunque in fatto non ne abbiano avuto notizia" (op.cit.#286).*

Sakemm il-konvenuta nomine hadet il-ligi f'idejha u mbarrat il-bieb tal-bitha bil-gebel, hadd qatt ma seta' basar li din kienet qed tippretendi li l-bitha u l-mandra kienu saru kollha taghha. Qatt qabel ma kien hemm xi ndikazzjoni ta' dan, minkejja li kienu ghaddew dawk is-snin kollha, u anqas jezisti ebda dokument pubbliku li jista' jindika tali pretensjoni.

**(v) pussess mhux ekwivoku:** *"Un possesso e' equivoco quando per sua natura e' cosi' dubbio,da non lasciar comprendere se sia la manifestazione di un diritto spettante al possessore, ovvero un semplice fatto" (op.cit. # 290).*

F'dan ir-rigward naraw illi l-konvenuta qatt ma kellha l-pussess univoku tal-bitha u r-raba in kwistjoni. Il-fatt li, sakemm ma giex imbarrat mill-konvenuta nomine fl-2001, dejjem kien hemm bieb li mill-fond tas-socjeta' attrici kien jaghti ghall-bitha in kwistjoni, u li liberament seta' jinfetah biex wiehed jaccedi minnu ghall-isetss bitha, jindika li Josephine Azzopardi ma kellhiex il-pussess wahedha ta' din il-bitha. L-istess fir-rigward tal-mandra. Ghalkemm kien hemm zmien meta missierha imblokka bieb li mill-bitha kien jaghti ghal-mandra, u dan sabiex l-inwilin Tabone ma jkollux izjed access ghaliha, ma kien hemm xejn xi jzomm lill-membri tas-socjeta' attrici milli jaccedu ghall-istess mandra mill-bieb l-iehor li kien hemm fl-isqaq

ta' Triq Santa Katerina, u nfatti hadd qatt ma zammhom milli jidhlu jahduma minn hemm, kif fil-fatt ghamlu meta din kienet tinhadem minn missier ix-xhud Francis Attard. Terga' huwa fatt ikkontestat illi l-istess Josephine Azzopardi, meta rritornat mis-safar, kienet fi trattattivi mas-socjeta' attrici dwar kif kellha ssir is-segregazzjoni tal-bitha u l-mandra. Dan ikkonfermah ukoll il-mibki Dottor Michael Grech fid-deposizzjoni tieghu,[15] u l-ittra li huwa baghat lill-legali tal-konvenuta fl-1 ta' Settembru 2001. [16]

F'tali cirkostanzi ghalhekk jirrizulta illi anke jekk kellu jinghad, illi l-konvenuta nomine kienet fil-pussess tar-raba in kwistjoni u mhux  semplici detentur f'isem haddiehor, jibqa' l-fatt illi dan il-pussess ma kellux ir-rekwiziti stipulati mil-ligi sabiex tkun tista' tintlaqa' l-eccezzjoni li dawn il-proprjetajiet saru unikament taghha bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva. Min-naha l-ohra d-dominju tas-socjeta' attrici fuq il-partijiet mill-bitha u l-mandra assenjati lill-aventi kawza taghha bil-kuntratt ta' divizjoni tal-1941 in kwistjoni, u li dan qatt ma gie rinuzjat, gie adegwatament ippruvat.

Jibqa' ghalhekk biss sabiex tigi kunsidrata l-ewwel talba attrici ghad-delimitazzjoni tal-konfini ta' l-isetss bitha u mandra. Fl-atti tal-kawza ta' spoll konnessa mal-kawza prezenti, is-socjeta' attrici pprezentat pjanta ta' kif fil-fehma taghha kellha ssir is-segregazzjoni ta' din il-bitha u l-mandra annessa.[17] Il-konvenuta nomine qatt ma kkumentat xejn f'dan ir-rigward. Din il-Qorti, wara li ezaminat sewwa l-kuntratt ta' divizjoni tal-1941 u d-deskrizzjonijiet hemmhekk moghtija tal-porzjonijiet rispettivi assenjati lill-kondividendi f'dak il-kuntratt jidhrilha li s-segregazzjoni kif indikata fuq l-istess pjanta hija gusta, ghax tirifletti dak li riedu l-kondividendi f'dan ir-rigward. Ghalhekk  tistabilixxi l-linja medjana taz-zewg partijiet tal-bitha kif indikat fuq din il-pjanta,  f'linja dritta  mill-koxxa tal-bieb tal-bitha sal-kantuniera tal-kamra l-kbira li tmiss ma' l-istess bitha. Il-mandra ghandha tinqasam min-nofs ghat-tul, kif indikat fuq l-istess pjanta, b'tali mod li z-zewg

---

[15] ara afidavit a fol. 29 -30 tal-kawza nuru.94/2001 fl-istess ismijiet
[16] ara kopja taghha esebita bhala Dok.MG 1 a fol. 31 ibid.
[17] Dok.D a fol. 27 tal-kawza nru.94/2001 fl-istess ismijiet

nahat ikollhom kejl ugwali. Is-socjeta' attrici b'hekk ikollha l-parti tal-bitha u l-mandra annessa kuluriti bil-blu fuq din il-pjanta, filwaqt illi l-konvenuta nomine jkollha l-partijiet mill-istess bitha u mandra ikkuluriti bl-ahdar fuq l-istess pjanta. Dan kollu ghandu jsir taht is-supervizjoni ta' perit tekniku li ser jigi nominat ghal dan il-fini.

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine, tilqa’ t-tabiet attrici u:

(i) Tistabilixxi l-linja medjana bejn il-porzjoni tal-bitha u l-porzjon tal-mandra assenjati lil Dun Francesco Debono, (illum proprjeta' tas-socjeta' attrici), u l-porzjonijet assenjati lil Giovanni Spiteri (illum proprjeta' ta' Josephine Azzopardi, kif rapprezentata mill-konvenuta nomine, bis-sahha ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci ta' l-ghoxrin (20) ta' Marzu elf disa' mija u wiehed u erbghin (1941), bil-mod indikat fil-paragrafu precedenti ta' din is-sentenza;

(ii) tordna r-rivendika ta’ l-istess partijiet mill-bitha u l-mandra annessa li kienu gew assenjati lil Dun Francesco Debono bis-sahha tal-kuntratt ta' divizjoni hawn isemmi a favur tas-socjeta' attrici;

u

(iii) tordna li din id-delimitazzjoni ssir bil-mod imfisser hawn fuq b'marki permanenti u indelibbli, u dan taht is-supervizjoni ta' l-A.I.C. Shaun Micallef li qed jigi nominat ghal dan il-fini, a spejjez ugwali bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu kontra l-konvenuta nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------